MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 374/1994/1

**Marica-Ann mart Paul Azzopardi**

**v.**

**Dottor Stephen Thake ghan-nom ta' Michele Peresso Ltd.**
**u permezz ta' nota pprezentata mill-Avukat Dr. Robert Mangion**
**fit-28 ta' Marzu 1994 Emmanuel Peresso assuma l-atti ghan-nom tas-socjeta` konvenuta Michele Peresso Ltd.**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. Din il-kawza giet istitwita wara l-esekuzzjoni ta’ mandat ta’ qbid numru 334/94AS mahrug bl-awtorita` tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-konfront ta’ Paul Azzopardi. Il-mandat inhareg fuq talba tas-socjeta` Michele Peresso Ltd. in kawtela tal-pretensjoni taghha ammontanti ghal tlettax-il elf lira Maltin (Lm13,000) kif jirrizulta minn fol. 47 tal-process. Marica-Ann Azzopardi, mart l-imsemmi Paul Azzopardi istitwiet din il-kawza fit-18 ta’ Marzu 1994 quddiem l-imsemmija Qorti, b’talba li dik il-Qorti tirrevoka l-imsemmi mandat u dana peress li l-oggetti li gew elevati fl-istess mandat huma dotali ta’ l-attrici u fil-maggor parti fih inqabdu ogetti li huma mehtiega ghall-hajja ta’ kuljum tal-konjugi Azzopardi u b’hekk ma kienux suggetti ghall-qbid skond ma jipprovdi l-Artikolu 304(a) tal-Kap. 12.

2. Is-socjeta` konvenuta Michele Peresso Ltd. ikkontestat il-kawza b’dawn l-erba’ eccezzjonijiet:

1. Preliminarjament illi l-gudizzju mhux integru peress li Peter Paul Azzopardi, id-debitur li kontra tieghu gie ezegwit il-mandat ta’ qbid numru 334/94AS, mhux parti fil-kawza odjerna u ghaldaqstant l-eccipjent nomine ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi bla pregudizzju t-talba attrici hija irritwali u infondata stante illi anke li kieku ghas-sahha ta’ l-argument xi oggetti ta’ l-attrici gew milquta bl-ezekuzzjoni tal-mandat ta’ qbid de quo, hi ghandha dritt biss titlob ir-revoka ta’ l-ezekuzzjoni tal-mandat minn fuqhom u mhux ir-revoka tal-mandat in toto.

3. Illi bla pregudizzju t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attrici, fil-mument ta’ l-ezekuzzjoni tal-mandat ta’ qbid de quo, ma kenitx ghadha toqghod fil-fond li minnu gew maqbuda l-oggetti in kwistjoni u lanqas kienet qed tuzhom u ghalhekk hija ma tistax tinvoka a favur taghha l-Artikolu 304(a) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

4. Illi fil-mertu il-mandat ta’ qbid de quo gie mahrug u ezegwit skond il-ligi.

3. Biex l-attrici tipprova tinnewtralizza l-oppozizzjoni li saret mis-socjeta` konvenuta bl-ewwel eccezzjoni taghha, l-attrici talbet li jigi kjamat fil-kawza l-imsemmi zewgha, liema talba giet opposta mis-socjeta` konvenuta. L-ewwel Onorabbli Qorti cahdet din it-talba b’digriet tat-18 ta’ April 1994 li jinsab a fol. 16 et sequitur tal-process. Minn dan id-digriet ma sar l-ebda appell.

4. B’sentenza parzjali moghtija mill-ewwel Qorti fit-3 ta’ Ottubru 1994, l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta giet michuda u dana sostanzjalment ghaliex dik il-Qorti kkonkludiet li l-effetti maqbuda bil-mandat kienu jappartjenu lill-attrici:
“Ma hemmx dubju li l-attrici, bhala proprjetarja ta’ l-effetti maqbuda – kif del resto jirrizulta mix-xhieda prodotti – ghandha interess guridiku li tistitwixxi dawn il-proceduri, billi bil-mandat fuq imsemmi gew maqbuda effetti appartenenti lilha u mhux lil zewgha. Isegwi li hemm relazzjoni diretta bejn il-kreditur ezekutant u l-attrici inkwantu l-effetti mobili li gew maqbuda in kawtela tal-kreditu ma jappartjenux lid-debitur izda lil terza persuna, cioe` l-attrici. Din mhux tenuta taghmel tajjeb ghad-debiti ta’ zewgha bi hwejjigha. Id-debitur, cioe` Peter Paul Azzopardi, f’dan ir-rigward ma ghandu ebda interess fil-proceduri billi l-effetti maqbuda ma jappartjenux lilu u kwindi ma ghandux interess li jitlob ir-revoka tal-mandat fuq imsemmi.”

Kopja shiha ta’ din is-sentenza tat-3 ta’ Ottubru 1994 qeghdha tigi annessa ma’ l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

5. Wara li l-ewwel Onorabbli Qorti kompliet tigbor il-provi dwar il-meritu tal-kawza, hija tat is-sentenza taghha fis-7 ta’ Jannar 2003. Dik il-Qorti kkummentat hekk dwar it-talba ta’ l-attrici ghar-revoka ta’ l-imsemmi mandat in kwantu ta’ l-oggetti maqbuda kienu dotali ta’ l-istess attrici:
“... din l-Qorti tosserva li l-attrici ma resqet ebda prova konvincenti li dak allegat fic-citazzjoni, u cioe` li l-effetti

maqbuda bil-mandat kienu proprjeta' taghha. Huwa minnu li fis-6 ta' April 1994 gie ppubblikat kuntratt fejn, wara li gie ottenut il-permess mehtieg mis-Sekond Awla, certa effetti mobbili u cioe` dawk li gew maqbuda bil-mandat fuq imsemmi, kienu dikjarati dotali ta' l-attrici. Dan il-kuntratt izda jidher suspett billi gie ppubblikat wara l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' qbid li sehh fis-17 ta' Marzu 1994 u seta' ghalhekk kien intiz biex jilqa' ghall-eventwalita` li tkun mehtiega prova f'dawn il-proceduri. L-istess attrici xhedet li l-ghamara kollha inxtrat minnha minghand il-Blue Sky Furniture, izda meta xehed ir-rapprezentat ta' din id-ditta u cioe` Charles Attard dan mhux biss ikkonferma li t-trattivi u l-ordni relattiva kienu saru ma' Peter Paul Azzopardi, izda jirrzulta wkoll li l-invoices u l-pagamenti kollha li saru lil din id-ditta, hlief ghad-depozitu ta' LM200, kienu saru minn Paul Azzopardi u l-ircevuti hargu f'ismu. Inoltre jigi rilevat li l-istess xhud gharaf bhala manifatturati minnu diversi bicciet ghamara li gew maqbuda in forza tal-mandat u li kienu dawk ordnati u mhallsa minn Peter Paul Azzopardi.

"Minn dan jidher li t-talba fuq il-bazi tal-proprjeta` ta' l-oggetti maqbuda ma tistax tirnexxi billi ma ngibitx prova sodisfacjenti li dawn l-oggetti maqbuda kienu ta' l-attrici. Anzi ghall-kuntrarju dik il-prova li tressqet fir-rigward ta' xi 'items' turi l-kuntrarju."

Madanakollu, l-ewwel Onorabbli Qorti laqghet it-talba ta' l-attrici ghar-revoka ta' l-imsemmi mandat ta' qbid billi kkonkludiet li l-istess mandat gie esegwit kontra d-dispozizzjoni kontenuta fl-Artikolu 304(a) tal-Kap. 12 billi l-oggetti maqbuda kienu kollha hwejjeg neccessarji ghall-ghixien dicenti tad-debitur jew tal-familja tieghu. Ghall-kompletezza kopja shiha ta' din is-sentenza qeghdha tigi annessa bhala appendici ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

## <u>II. L-APPELL</u>

6. Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata bl-imsemmija zewg sentenzi li inghataw mill-ewwel Qorti cioe` tat-3 ta' Ottubru 1994 u l-ahhar imsemmija sentenza tas-7 ta' Jannar 2003. Ghar-ragunijiet migjuba fir-rikors ta' l-appell

tas-socjeta` konvenuta pprezentat fis-27 ta’ Jannar 2003, l-istess socjeta` talbet li din il-Qorti joghogobha tannulla, tikkancella u tirrevoka l-imsemmija sentenza tat-3 ta’ Ottubru 1994 kif ukoll is-sentenza tas-7 ta’ Jannar 2003 u minflok tilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta appellanti u b’hekk tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

7. L-attrici appellata ma pprezentat l-ebda risposta ta’ l-appell. Hija naqset li tidher ghall-jum appuntat ghas-smiegh ta’ din il-kawza cioe` fl-14 ta’ Novembru 2005, ghalkemm dak in-nhar deher id-difensur taghha u ghamel is-sottomissjonijiet tieghu.

**III. KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI**

8. Din il-Qorti fl-ewwel lok sejra tittratta l-appell li sar mis-socjeta` konvenuta fil-konfront tas-sentenza parzjali li nghatat mill-ewwel Onorabbli Qorti fit-3 ta’ Ottubru 1994, u li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta. Din il-Qorti taqbel sostanzjalment mal-kritika li resqet is-socjeta` konvenuta fil-konfront ta’ din is-sentenza ghaliex jidhrilha li jinsab assodat fil-prattika tal-Qrati taghna li meta si tratta ta’ kawza bhal din odjerna, id-debitur, li fil-konfront tieghu jinhareg mandat kawtelatorju ta’ qbid, ghandu jkun jifforma parti fil-kawza. U jekk dan ma jsirx allura l-gudizzju ma jkunx integru ghaliex tkun nieqsa fih persuna li hija verament interessata fl-ezitu ta’ l-istess kawza.

9. Minn dak li gie accennat aktar qabel f’din is-sentenza, ezattament fil-paragrafu 4 u 5 taghha, jirrizulta li hemm diskrepanza lampanti bejn il-konkluzjonijiet raggunti mill-ewwel Onorabbli Qorti fiz-zewg sentenzi fuq imsemmija pronunzjati minnha, in kwantu jikkoncernaw parti sotanzjali tal-meritu tal-kawza u cioe` il-kwistjoni dwar il-proprjeta` ta’ l-oggetti li gew elevati bil-mandat ta’ qbid in kwistjoni. Kif diga` intqal, l-ewwel Qorti ddecidiet bis-sentenza taghha tat-3 ta’ Ottubru 1994, li ma kienx neccessarju li r-ragel ta’ l-attrici jkun jifforma parti fil-kawza ghaliex l-oggetti maqbuda kienu jappartjenu lill-attrici martu. Ghall-kuntrarju, fis-sentenza taghha fis-7 ta’ Jannar 2003, dik il-Qorti ddecidiet li t-talba ta’ l-attrici fuq

il-bazi tal-proprjeta` ta' l-oggetti maqbuda ma kenitx tista' tirnexxi billi hija ma gabitx prova sodisfacenti li dawk l-oggetti li gew maqbuda kienu proprjeta` ta' l-istess attrici.

10. Jirrizulta li l-attrici ma ressqet ebda appell principali u lanqas appell incidentali dwar l-ahhar imsemmija konkluzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti. Effettivament din il-Qorti ezaminat akkuratament il-provi li tressqu fil-kawza fuq dan l-aspett u ma ssib ebda diffikulta` li tikkondividi dak li l-ewwel Qorti kkonkludiet dwar il-proprjeta` ta' l-oggetti maqbuda bil-madat ta' qbid in kwistjoni u cioe` li l-istess attrici ma gabitx prova sodisfacenti li dawk l-oggetti maqbuda kienu dotali ta' l-istess attrici. In fatti l-provi li resqet l-attrici f'dan ir-rigward gew sostanzjalment kontradetti mix-xhieda ta' Charles Attard, direttur tad-ditta 'Blue Sky Furniture', li mmanufatturat l-ghamara li jidher li inqabdet bil-mandat in kwistjoni. Dan ix-xhud ikkorabora ix-xhieda tieghu b'numru ta' dokumenti li jinsabu esebiti a fol. 117 sa 148 tal-process. Ezami ta' dawn id-dokumenti jindika li l-maggoranza assoluta ta' dawn id-dokumenti huma intestati f'isem ir-ragel ta' l-attrici cioe` Paul Azzopardi. Zewg dokumenti, ezattament dawk a fol. 129 u 130 tal-process, li jikkoncernaw alterazzjonijiet fl-ghamara tal-kcina, huma intestati Azzopardi/Bone. A fol. 134 hemm ricevuta datata 26 ta' Lulju 1992 li tindika li missier l-attrici Vincent Bone ghamel depozitu ma' 'Blue Sky Furniture' fis-somma ta' mitejn lira (Lm200). Kif inghad id-dokumenti l-ohra kollha huma intestati esklussivament f'isem Paul Azzopardi. Ix-xhieda ta' l-imsemmi Charles Attard, kif ukoll id-dokumenti li huwa esebixxa, mhux biss jikkondradixxu sostanzjalment il-provi testimonjali ta' l-attrici u x-xhieda minnha prodotti, izda jpoggu f'dubju serju l-veracita` tal-kontenut tal-kuntratt li sar fis-6 ta' April 1994 mill-konjugi Azzopardi kif ukoll il-genituri ta' l-attrici. B'dan il-kuntratt, li jinsab esebit a fol. 78 *et sequitur* tal-process, gie *inter alia* dikjarat li Marica Azzopardi gabet maghha fiz-zwieg bhala dota minghand il-genituri taghha diversi oggetti mobbli tal-valur komplessiv ta' madwar tmient elef lira (LM8,000) li gew elenkati fl-istess kuntratt. Kif sewwa qalet l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha tas-7 ta' Jannar 2003, dan il-kuntratt jidher suspettuz hafna billi gie pubblikat

wara l-esekuzzjoni tal-mandat ta’ qbid, liema esekuzzjoni saret fis-17 ta’ Marzu 1994 u seta’ ghalhekk kien unikament intiz biex jilqa’ ghall-eventwalita` li tkun mehtiega prova fil-proceduri odjerni.

11. La darba l-attrici naqset li tressaq provi sodisfacenti ta’ l-allegazzjoni taghha li l-oggetti maqbuda bil-mandat ta’ qbid in kwisjtoni huma dotali taghha, u la darba rrizulta li zewgha Paul Azzopardi, jekk mhux proprjetarju assolut ta’ l-istess oggetti, zgur li ghandu sehem sostanzjali minnhom, isegwi li l-istess zewgha Paul Azzopardi kellu jkun parti f’din il-kawza. Certament il-ligi procedurali taghna ma tintitolax lill-attrici appellata li f’isimha tinvoka d-drittijiet ta’ zewgha, *qua* debitur tas-socjeta` konvenuta biex titlob ir-revoka ta’ mandat ta’ qbid in kwistjoni fuq il-bazi ta’ l-Artikolu 304(a) tal-Kap. 12.

12. Minn dak kollu li ntqal sa issa jirrizulta ghalhekk li zewg l-attrici kellu interess guridiku rikjest mil-ligi u ghalhekk kellu jkun parti f’din il-kawza, mhux biss ghaliex il-mandat ta’ qbid in kwistjoni gie esegwit kontra tieghu izda wkoll ghaliex irrizulta sodisfacentiment li l-istess zewg l-attrici ghandu zgur nofs il-proprjeta` ta’ l-oggetti li gew elevati bil-mandat in kwistjoni. Konsegwentement hemm lok li l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta tintlaqa’ billi l-gudizzju m’huwiex integru fin-nuqqas ta’ zewg l-attrici u ghalhekk hemm lok li s-socjeta` konvenuta tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

13. Ghaldaqstant hemm lok li l-appell tas-socjeta` appellanti jintlaqa’ kemm fir-rigward tat-talba biex tigi revokata s-sentenza tat-3 ta’ Ottubru 1994 kif ukoll ghal revoka tas-sentenza tas-7 ta’ Jannar 2003.

14. Ghal dawn il-motivi:
Tilqa’ l-appell, tirrevoka z-zewg sentenzi moghtija mill-ewwel Qorti fit-3 ta’ Ottubru 1994 u fis-7 ta’ Jannar 2003 u minflok tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` appellanti u ghalhekk tiddikjara li l-gudizzju m’huwiex integru u konsegwentement tillibera lill-istess socjeta` konvenuta appellanti mill-osservanza tal-gudizzju – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

Deputat Registratur
df

**APPENDICI**

Kopja taz-zewg sentenzi appellati moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili rispettivament fit-3 ta’ Ottubru 1994 u fis-7 ta’ Jannar 2003, qeghdin jigu hawn annessi biex jiffurmaw kopja integrali mill-odjerna sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------